**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA TAT-12 TA' LULJU, 2001**

Kawza Numru 25

Citazzjoni Numru 1116/01 GC

Fl-ismijiet:-

Massimo Cremona

vs

Anthony Borg

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur wara li ppremetta:-

Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tlett'elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500), import ta' diversi fatturi ghall-konsenji ta' laham, u dan kif jirrizulta ahjar mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. MC1;

Illi l-attu huwa wkoll kreditur tal-konvenut f'dak l-ammont li jirraprezenta l-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas id-debitu tieghu izda baqa' inadempjenti;

Illi l-imsemmi kreditu ta' l-attur huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jaf l-attur, il-konvenut m'ghandu ebda difiza valida u opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghall-hlas ta' din is-somma kif jidher mill-affidavit hawn anness u mmarkat bhala Dok. MC2;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kulll dikjarazzjoni ohra necessarja:

1. ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba ta' l-attur bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500), fuq imsemmija, dovuta kif intqal fuq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-24 ta' Jannar 2001, u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenji rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attur u id-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u fis-seduta tallum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tal-attur kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

Imhallef